*SELF – HLAS PERMEZZ TA' CHEQUE – ART 1146 – KAP 16*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta nhar il-Hamis l-1 ta' Frar 2001**

**Kawza Numru: 13**
**Citazzjoni Numru: 2276/99 RCP**

**Bank of Valletta p.l.c.**

**vs**

**(1) Centre Travel Company Limited u**
**(2) Pierre William Buontempo**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI

Rat ic-citazzjoni attrici ipprezentata fit-18 ta' Ottubru 1999 fejn inghad:

Illi s-socjeta' attrici Bank of Valletta p.l.c. ikkoncediet "loan facility" lis-socjeta' konvenuta "Centre Travel Company Limited".

Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tas-socjeta' konvenuta Centre Travel Company Limited fis-somma ta' mitt elf seba' mija u erbgha u sebghin lira Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu (LM100,774.23c) bilanc ghad-debitu fil-*Current* u *Loan Accounts* ta' s-socjeta' konvenuta mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok A u Dok B1 sa Dok. B75), flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta' April 1999 sad-data tal-effettiv pagament.

Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'skrittura privata datata 16 ta' Lulju 1998 (Dok. C), il-konvenut Pierre William Buontempo ggarantixxa flimkien u *in solidum* mas-socjeta' konvenuta Centre Travel Company Limited ghaf-favur is-socjeta' attrici d-debiti tal-istess Centre Travel Company Limited mal-attrici.

Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta' zewgt' ittri ufficjali datati l-1 ta' Settembru 1999 li kopja taghhom qieghdha tigi hawn ezebita u mmarkati Dok. D u Dok. E, sabiex ihallsu d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti.

Rat illi s-socjeta' attrici talbet lill-konvenuti jghidu ghaliex, ghar-ragunijiet fuq imsemmija, ma ghandiex din l-Qorti:

(1) tikkundanna lis-socjeta' Centre Travel Company Limited u lil Pierre William Buontempo jhallsu flimkien u in solidum bejniethom lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitt elf, seba' mija u erba' u erbghin lira Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu (LM100,774.23c) bilanc ghad-debitu fil-*Current* u *Loan Accounts* ta' *Centre Travel Company Limited* mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. A u Dok B1 sa Dok B75) flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta' April 1999 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittri ufficjali datati l-1 ta' Settembru 1999 u tal-mandati ta' sekwestru u ta' qbid li gew ipprezentati kontestwalment kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Fic-citazzjoni taghha s-socjeta' attrici specifikat illi din l-azzjoni kienet qieghda ssir minghajr pregudizzju ghall-bilanci l-ohra dovuti mill-konvenut Pierre William Buontempo u li ghalihom l-istess socjeta' attrici kienet qieghda tipprocedi f'istanzi separati.

Rat illi s-socjeta' konvenuta Centre Travel Company Limited giet notifikata bic-citazzjoni fit-23 ta' Novembru 1999 filwaqt li l-konvenut Pierre William Buontempo gie notifikat ukoll fl-istess data.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn ecceppew is-segwenti:

1. L-infondatezza tat-talbiet attrici fil-fatt u fid-dritt.

2. Bla pregudizzju ghas-suespost, l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici huwa skorrett u eccessiv principalment peress li l-eccipjenti hallsu ammont konsiderevoli mill-bilanc u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u d-dokumenti minnhom ipprezentati.

Rat illi fis-seduta tas-17 ta' Frar 2000 l-Av. Dominic Cassar u l-P.L. Joseph Zammit ghan-nom tas-socjeta' attrici li kkonfermaw id-dikjarazzjoni li giet ipprezentata minnha mac-citazzjoni u ddikjaraw illi sa dakinhar ma kien twettaq l-ebda pagament mill-konvenuti. Fl-istess seduta xehed il-P.L. Joe Zammit prodott mis-socjeta' attrici u l-istess socjeta' attrici ddikjarat li ma kellhiex aktar provi xi tressaq.

Rat illi fis-seduta tat-22 ta' Frar 2000, wara li l-konvenuti naqsu li jressqu l-provi taghhom, il-kawza giet differita ghall-ahhar darba ghall-provi kollha taghhom ghall-24 ta' Frar 2000.

Rat illi fis-seduta tal-24 ta' Frar 200 xehed il-konvenut Pierre William Buontempo u l-kawza regghet giet differita ghall-provi kollha tal-konvenuti ghat-2 ta' Mejju 2000.

Rat illi fis-seduta tat-2 ta' Mejju 2000 il-kawza giet differita ghall-ahhar darba ghall-provi tal-konvenuti ghas-16 ta' Mejju 2000, bl-intiza cara li wara dakinhar il-kawza tmur ghas-sentenza.

Rat illi fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2000 xehed John Mercieca, prodott mill-konvenuti, u l-kawza regghet thalliet ghall-ahhar darba ghall-provi kollha tal-konvenuti ghall-21 ta' Gunju 2000.

Rat illi fis-seduta tal-21 ta' Gunju 2000 xehed J. Pisani Bencini prodott mill-konvenuti, u l-kawza regghet thalliet ghall-provi kollha tal-konvenuti ghall-25 ta' Ottubru 2000.

Rat illi fis-seduta tal-25 ta' Ottubru 2000 l-Qorti giet infurmata li kien hemm prezenti Patrick Anastasi u Norman Rossiagnaud, li kienu rikjesti jixhdu mill-konvenuti, izda peress li l-konvenuti u d-difensur taghhom naqsu milli jidhru l-kawza thalliet ghas-sentenza ghall-1 ta' Frar 2000, b'dan illi s-socjeta' attrici giet moghtija l-fakolta' li tipprezenta nota ta' osservazzjonijiet.

Rat illi ma giet ipprezentata l-ebda nota ta' osservazzjonijiet.

Rat id-dokumenti ezebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din il-kawza tikkoncerna talba ghall-hlas maghmula mill-Bank of Valletta p.l.c. a bazi ta' self minnha avvanzat lis-socjeta' Centre Travel Company Limited. Is-socjeta' attrici ntavolat il-kawza wkoll kontra l-konvenut Pierre William Buontempo peress li permezz ta' skrittura datata 16 ta' Awissu 1998 huwa kien obbliga ruhu solidalment mas-socjeta' Centre Travel Company Limited ghar-ripagament ta' dan is-self. Wara li d-data mifthiema bejn il-kontendenti ghar-ripagament ghaddiet u l-konvenuti naqsu milli jhallsu l-ammont dovut, is-socjeta' attrici interpellathom permezz ta' ittra ufficjali sabiex jeffettwaw il-hlas, izda huma xorta wahda baqghu inadempjenti, u kien ghalhekk li gew istitwiti dawn il-proceduri.

Illi s-socjeta' attrici pproduciet bhala xhur lill-**Prokuratur Legali Joseph Zammit** li kkonferma li l-ammont mitlub fic-citazzjoni, inkluzi li l-imghaxijiet kienu ghadhom dovuti.

Illi **Pierre William Buontempo** xehed illi huwa direttur tas-socjeta' Centre Travel Company Limited. Huwa spjega kif il-Bank of Valletta p.l.c. kienet hargitlu *sanction letter* (Dok. PWB 1 ezebit a fol. 99 sa 102 tal-process gudizzjarju) wara li ghamel talba sabiex jinghatalu self.

Illi f'din is-*sanction letter* is-self, ghalkemm uniku, gie maqsum fi tnejn, u deskritt fil-mod segwenti:

- **Loan I of LM56,000** – Repayment within one year in one lump sum from personal funds from fixed deposit account.

- **Loan II of LM83,000** – Repayment on 1st October 1998 from proceeds of *cheque* no. 951 drawn by Dr. H and Dr. A Farrugia for Lm85,000.

Illi c-*cheque* kien gie ggirat diversi drabi sakemm sa fl-ahhar gie ggirat ghal fuq il-konvenut Pierre William Buontempo minn certu Alex Grech.

Illi l-konvenut Pierre William Buontempo spjega kif minn dakinhar li pprezenta c-c*heque* lis-socjeta' attrici qatt ma sema' xejn minghandha dwaru. L-ewwel darba li ntebah li kien hemm xi haga hazina kien meta rcieva *statement* datat 31 ta' Dicembru 1998 fejn kien hemm indikat li l-ammont li kellu jinqata' permezz ta' c-*cheque* kien ghadu pendenti, u dan minkejja li d-data tal-iskadenza tal-istess *cheque* kienet ghaddiet. Huwa spjega li l-arrangament mal-Bank kien li c-*cheque* kellu jigi msarraf direttament mill-istess Bank u ghalhekk il-*loan* avvanzat lilu jigi pacut b'dan il-mod. Illi l-konvenut spjega wkoll illi minhabba l-fatt li dan c-*cheque* ma ssarrafx baqa' jakkumula l-imghax u kien ghalhekk li fil-fehma tieghu l-bilanc reklamat mill-bank huwa ferm oghla mill-valur ta' c-*cheque*.

Illi sussegwentement saret laqgha ma' rapprezentanti tal-Bank li waqtha l-konvenut talab li jara c-*cheque*, u dan sabiex ikun jaf x'kienet ir-raguni li ma giex onorat. It-twegiba kienet li dan ma setax jigi prodott qabel ma jkun hemm awtorizzazzjoni minn awtoritajiet fi grad oghla. Il-konvenut kompla jghid li wara din il-laqgha rcieva ittra datata 15 ta' Frar 1999 minghand il-Bank of Valletta p.l.c. (ezebita bhala Dok. PWB 2 a fol. 103 tal-process) li tghid li c-*cheque* ma kienx gie onorat peress li l-Bank kien ircieva struzzjonijiet ta' *stop payment* minghand Dr. H. u Dr. A. Farrugia, li kienu l-individwi li originarjament hargu c-*cheque*,.

Illi l-konvenut ilmenta kif minkejja li c-*cheque* kien ilu fil-pussess tal-Bank minn Lulju tas-sena 1998 kien biss fil-15 ta' Frar 1999 li huwa gie mgharraf li ma dan ma giex onorat.

Illi in kontroezami l-konvenut spjega li l-kontestazzjoni tieghu kienet tikkoncerna l-valur ta' dan ic-*cheque* u l-imghaxijiet li ghaddew fuq dak l-ammont. Huwa qal ukoll li skond hu meta l-Bank kien accetta li parti mill-*loan* kellu jigi mhallas mir-rikavat tac-*cheque* l-istess Bank kien qieghed jiggarantixxi li c-*cheque* kien jissarraf, u li ghalhekk essenzjalment huwa kien gie liberat mill-obbligu tal-hlas. Mistoqsi jekk il-Bank kienx ikkonfermalu direttament li l-hlas tac-*cheque* kien garantiti, huwa wiegeb li qatt ma kellu xi forma ta' komunika f'dan is-sens, izda fil-fehma tieghu galadarba l-Bank kien accetta c-*cheque* u hareg is-*sanction letter* fuq imsemmija il-Bank kien

necessarjament assigura ruhu li dan kien ser jigi msarraf fid-data tal-iskadenza tieghu. Il-konvenut kompla spjega ruhu hekk: *"Lili l-Bank seta' qalli li fuq dan ic-cheque ma nselliffx, mur gib il-flus minn x'imkien iehor, u mhux taghni fuq ic-cheque"* (fol 124 tal-process).

Illi l-konvenut spjega wkoll illi sa dakinhar li kien qieghed jixhed l-ammont tal-parti l-ohra tal-*loan* kien thallas kwazi kollu u li ghalhekk il-kontestazzjoni kienet tikkoncerna esklussivament dik il-parti koncernanti s-somma ta' Lm85,000 li kellha tithallas permezz tac-*cheque*. Huwa qal ukoll li apparti l-kwistjoni tac-*cheque* huwa kien jaqbel mal-ammonti reklamati fic-citazzjoni, ammonti li gew effettivament ippruvati wkoll mis-socjeta' attrici permezz ta' l-*istatements* minnha ezebiti.

Illi **Raymond Mercieca**, li huwa *Manager* tal-fergha ta' H'Attard tal-Bank of Valletta p.l.c, spjega li kienu proprju l-konvenuti li talbu self minghand il-Bank kontra l-istess *cheque*. Kompla jghid li peress li din ma kenitx kwistjoni li taqa' fil-kompetenza tieghu huwa rreferihom ghall-*Branch Manager* ta' dak iz-zmien li kien Jefferey Pisani Bencini. Spjega wkoll li meta c-*cheque* kien gie *counter-manded* il-*Branch Manager* kien Patrick Anastasi u mhux Jefferey Pisani Bencini, li sadanittant kien gie trasferit ghal *Branch* iehor.

Illi **Jeffrey Pisani Bencini** spjega li peress li c-*cheque* kien mahrug mill-fergha tal-Floriana tal-Bank of

Valletta p.l.c., meta dan gie pprezentat mill-konvenuti huwa stharreg dwaru mal-*Manager* ta' l-istess fergha li spjegalu li l-klijenti li harguh kienu nies serji u li generalment jonoraw l-obbligi taghhom. Meta waslet id-*due date* tac-*cheque* huwa cempel lill-Manager tal-Floriana sabiex javzah li c-*cheque* kien ser jissarraf, izda dan wiegbu li kien hemm ordni ta' *stop-payment* fuqu.

Illi spjega wkoll illi meta gie mgharraf bl-ordni ta' *stop payment* huwa baghat ghall-konvenut Pierre William Buontempo li kien inkwetat, u fil-fatt huwa tah cans ikellem lil min kien originarjament hareg ic-*cheque* sabiex is-sitwazzjoni tigi rimedjata.

Illi f'ghajnejn din il-Qorti huwa evidenti illi l-fatt wahdu li c-*cheque* ma giex onorat ma jezonerax lill-konvenuti mill-obbligu tal-hlas tal-ammont dovut lill-Bank, ammont li l-istess konvenuti rrikonoxxew li huwa korrett. Wara kollox l-ammont tas-self ghadda direttament lis-socjeta' konvenuta Centre Travel Company Limited, u l-komparenti Pierre William Buontempo iffirma *guarantee* form fejn obbliga ruhu *in solidum* u indivizzibilment mas-socjeta' Centre Travel Limited ghaf-favur l-istess Bank ghall-osservazzjoni ta' l-obbligu tal-hlas.

Illi l-fatt wahdu li l-Bank of Valletta p.l.c. kien accetta li l-hlas ta' s-somma ta' LM83,000 kellha ssir permezz tar-rikavat ta' dan ic-*cheque* fl-ebda mod ma ezonera lill-konvenuti mill-obbligazzjoni taghhom versu s-

socjeta' attrici. Wara kollox, is-socjeta' attrici setghet tivverifika il-validita' tac-*cheque* fil-mument li dan gie mghoddi lilha mill-konvenuti, izda hija qatt ma setghet taccerta ruhha li fid-data ta' l-gheluq tac-*cheque* dan kien jigi onorat. Galdarba c-*cheque* ma ssarrafx u l-hlas kontemplat ma mmaterjalizzax, il-Bank of Valletta p.l.c kien totalment gustifikat jippretendi l-hlas minghand il-konvenuti fil-kwalita` taghhom premessa, u illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha, anke ghaliex il-fatt li l-konvenut ghadda *cheque* lis-socjeta` attrici ma jfissirx li sar hlas *ai termini* tal-**Artikolu 1146 tal-Kap 16** u cioe` li skon il-konvenut: "l-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni", ghaliex ic-*cheque* fih innifsu huwa promessa ta' pagament u proprjament kambjala li fiha l-Bank huwa parti u ghalhekk fih innifsu ma jwassalx ghall-estenzjoni tal-obbligu jekk fl-ahharnett ma jigix onorat.

## III. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:

(1) tikkundanna lis-socjeta' Centre Travel Company Limited u lil Pierre William Buontempo jhallsu flimkien u *in solidum* bejniethom lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitt elf seba' mija u erba' u sebghin lira Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu (LM100,774.23c) bilanc ghad-debitu fil-*Current u*

*Loan Accounts* ta' Centre Travel Company Limited mal-istess socjeta' attrici flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta' April 1999 sad-data tal-effettiv pagament.

Il-konvenuti ghandhom ihallsu wkoll l-ispejjes ta' din il-kawza, inkluzi dawk tal-ittri ufficjali datati 1 ta' Settembru 1999 u tal-mandati ta' qbid u ta' sekwestru li s-socjeta' attrici pprezentat kontestwalment ma' c-citazzjoni taghha.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**1 ta' Frar, 2001**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**1 ta' Frar, 2001**